# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 7



KONT TAF ? Li 33 sena eżatt qabel l-Ahhar Dehra ta' Fatima, nhar it-13 t'Ottubru, 1884, fil-Vatikan seħħet dehra.
Wara l-Quddiesa fil-kappella privata tal-Papa, Ljun XIII sema' djalogu bejn Ġesù u x-Xitan. Il-Papa tant impressjona ruħu b'dak li sema' fuq il-ġrajjiet koroh li l-qawwa tal-ħażen kellha ġġib fuq l-umanità.



Kien wara dan li l-Papa Ljun XIII kkompona t-Talba lil San Mikiel li dari kienet tingħad fi tmiem ta' kull quddiesa.
Ħafna insara jirreċitaw din it-talba biex San Mikiel Arkanġlu jipproteġina fit-taqbida kontra l-ħażen.



O SAN MIKIEL ARKANĠLU, IDĦOL GĦALINA FIT-TAQBIDA. KUN INT L-GĦAJNUNA TAGĦNA KONTRA L-ĦAŻEN U T-TNASSIS TAD-DEMONJU. IRAŻŻNU ALLA NITOLBUK BIL-ĦERQA. U INTI L-AQWA FOST IL-QTAJJA TAS-SEMA ITFA' BIL-QAWWA TA' ALLA FIL-QIEGĦ TAL-INFERN LIX-XITAN U LILL-ISPIRTI ĦŻIENA L-OĦRA LI JIĠĠERREW FID-DINJA GĦAT-TELFIEN TAL-ERWIEĦ. AMMEN

## Ir-Rużarju salvana fi żmien it-Tieni Gwerra

Il-ġrajja tat-Tieni Gwerra f'Malta hija waħda li għandha minn ġajja mirakoluża.

Daqxejn ta' gżira esposta għal attakki qliel u tal-biża', bir-riskju kontinwu li tkun invaduta.

L-ikrah wasal fl-1942, air-raids ma jaqtgħu xejn, il-ġuħ u l-iskarsezza tal-fuel kollox kien jindika li Malta kien se jkollha ċċedí.

Fil-kenn tal-blat, il-Maltin u l-Għawdxin ma waqfux jirreċitaw ir-Rużarju.

U l-invazjoni tant imdendla ma waslitx; u l-Konvoy minkejja infern kontrih seħħlu jasal u miegħu ġab is-salvazzjoni.

Il-qawwa tal-Madonna dehret tant eminenti fiż-żmien tal-prova.




Fik ttamaw missirijietna, ittamaw u inti ħlisthom !